# Q O R T I   Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 10 ta' Lulju 2018**

**Rikors Revoka Nru. 120 / 18RGM**

**Kawża fil-lista: 31**

**D X**
**vs**
**T X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat minn T X li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju surriferit.

Illi l-mandat kawtelatorju surriferit qed jikkawtela l-pretensjoni tal-attrici ghall-manteniment ghall-iben minuri R X kalkolati mid-data li nbdew proceduri legali tramite ittra ta' medjazzjoni li giet segwita b'kawza Rikors Guramentat numru 143/2012, u li skont l-attrici jammontaw ghal €45,600.

Illi l-istadju tal-provi tal-attrici f'dik il-kawza huwa maghluq. Tul dawn is-snin kollha, l-attrici, li hi ta' nazzjonalita' Russa, ghogobha tahrab mill-gzejjer Maltin u maghha hadet lill-iben il-partijiet R X. Tajjeb jinghad illi l-attrici qatt ma talbet lil din l-Onorabbli Qorti tiffissa manteniment ghall-iben minuri u ma inghata l-ebda digriet f'dan ir-rigward. Inoltre, tul dawn is-snin, l-attrici cahdet lill-esponent milli jara lil ibnu li hu ghozza ta' hajtu. Kienu snin ta' tertur ghall-esponent li kellu jitla'

Cagliari u jiftah proceduri legali hemmhekk b'tentattiv li jerga' jirritorna lura lill-ibnu lejn Malta.

Sadanittant, omm l-esponent mietet bix-xewqa li tara lin-neputi taghha u l-missier baqa' imcahhad milli jrabbi lill-ibnu li thalla jghix ma' ragel barrani li mieghu kienet f'relazzjoni l-attrici.

Illi l-esponent ma setax la jara u lanqas ihallas manteniment ghall-ibnu minuri li lanqas kien jaf fejn kien qieghed jghix u sahanstira kien anke jigi mcahhad milli jikkomunika mieghu permezz tal-Iskype.

Illi jidher li r-relazzjoni tal-attrici mat-terza persuna (li minnu wkoll kellha l-ulied) m'ghadhiex kif kienet. L-attrici issa irritornat lura lejn Malta bit-tifel R u qed tippretendi l-hlas ta' manteniment ghal dawn is-snin li hi ghogobha tahrab minn Malta kontra kull interess tal-iben minuri. Ghalhekk il-pretensjoni tal-attrici ma hix prima facie gustifikata.

Mill-banda l-ohra, l-esponent hu mfarrak b'dan il-mandat kawtelatorju. Ma jistax ikompli bil-hajja tieghu u bin-negozju tieghu u issa gie dahru mal-hajt billi finanzjarjament ma jista' jaghmel xejn, la jista' ihallas il-pagi tal-haddiema tieghu, u ma jista' jaghmel l-ebda pagament relatat man-negozju tieghu. Apparti minn hekk, l-esponent lanqas jista' jixtri affarijiet bazici ta' kuljum ghalih u ghat-tifla tieghu li llum ghandha 16-il sena. U dankollu, biss ghax D X halfet li tibqa' tkissru mhux biss mentalment u emozjonalment imma issa anke finanzjarjament, u fil-fatt sa certu punt qed ikollha success. Ma hux gust li mandat kawtelatorju jintuza ghall-iskop ta' tghawwig tad-dirghajn.

Illi barra minn dan, sal-lum giet depozitata fil-Qorti s-somma ta' sitta u erbghin elf mitejn u tnejn u disghin Ewro u hmistax-il centezmu (€ 46,292.15c) u ghalhekk kull pretensjoni, frivola kemm hi frivola, li ghandha D X hi aktar milli sufficjentement kawtelata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ai termini tal-artikolu 836 (b), (c), (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) Tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bl-ispejjez kontra D X.

Rat in-nota ta' D X li permezz taghha opponiet ghar-rikors ghar-ragunijiet hemm indikati.

Rat n-nota ta' T X, pprezentata fit-30 ta' Mejju 2018 li maghha gew annessi dokumenti ta' Banek lokali;

Rat x-xhieda ta' D X li xehdet fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2018 meta r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**IL-PROVI.**

D X, pprezentat Sekwestru Kawtelatorju fl-10 ta' Mejju 2018 Numru 113/18 kontra T X fl-ammont ta' €45,600 in kawtela ghad-dritt ta' manteniment u nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari ta' binhom il-minuri R X li twieled fl-1 ta' Lulju 2006. Bhala kawzali tal-mandat kawtelatorju D X iddikjarat illi l-mandat kien intalab bhala "Kawtela ghal dritt ta' manteniment u nofs spejjez sahha, edukazzjoni u extrakurrikulari dovuti in konnessjoni mal-minuri mwieled minn relazzjoni bejn il-partijiet fl-ewwel ta' Lulju 2006 (1/7/2006), R X (certifikat tat-twelid anness bhala Dok. A), liema manteniment u spejjez ma thallsux tul dawn is-snin u qieghdin jigu kalkolati b'rata konservattiva ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar mid-data li nbdew proceduri legali tramite ittra ta' medjazzjoni prezentata 25/10/2011 li kellha tigi giet segwita b'kawza, Rik Gur 143/2012, liema kawza ghada trid tigi deciza."

T X, b'rikors pprezentat fis-16 ta'Mejju 2018, Rikors Numru 120/18RGM qed jitlob li jigi revokat l-imsemmi Sekwestru Kawtelatorju.

Mid-dokument RG1, Fol 3, anness mar-rikors ta' T X, lista ta' Recent Transactions tal-kont tieghu mal-Bank of Valletta plc kont numru 40015976671, jirrizulta li fil-15 ta' Mejju 2018 il-kont tieghu gie debitat bl-ammont ta' €46,292.15, as per Garnishee Order number 113/18CF.

T X annetta ma' nota pprezentata fit-30 ta' Mejju 2018, il-Withdrawal Slip tal-Bank, Dok A Fol 29 u ittra mill-istess Bank, Fol 30 b'konferma li l-imsemmi ammont gie depozitat fil-Qorti skond il-ligi wara s-Sekwestru mahrug fuq talba ta' D X.

Mal-istess nota gew annessi zewg dokumenti tal-HSBC Bank Malta plc Fol 32 u 33, li jikkonfermaw li fil-25 ta' Mejju 2018 il-kont tieghu numru 011-157310-001 gie debitat fl-ammont ta' €34,331.00 u fid-29 ta' Mejju 2018 mill-kont tieghu numru 011-089026-001 gie debitat bl-ammont ta'€11,915,34 billi l-Bank kien gie notifikat bis-sekwestru numru 113/18 mahrug fuq talba ta' D X.

Dawn it-tlett ammonti li z-zewg Banek iddepozitaw fil-Qorti wara li gew notifikati bis-Sekwestru jammontaw komplessivament ghal €92,538.49.

D X, xehdet fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2018.[1] Hi ddikjarat li l-ammont ta' €500 kien hallashom T X darba wahda biex jonfoqhom it-tifel R fuq educational holiday fi Spanja.(Kopja ta' dan ic-cheque datat 13 ta' Marzu 2018, ghal €500 mahrug minn T X favur D X minn kont tieghu mal-HSBC hu markat Dok C u gie anness ma' n-nota ta' T X pprezentata fit-30 ta' Mejju 2018). Hi qalet li mit-twelied T X qatt ma hallas manteniment ghat-tifel. Hu kien telaqhom meta t-tifel kellu biss tmien xhur, u mar jghix fl-Irlanda ghal tlett snin u wara sena fir-Russia. Hi kienet telqet minn Malta meta hu qalilha li ma kienx ser ihallas manteniment ghat-tifel. Hi rritornat Malta billi riedet li t-tfal jitghalmu l-lingwi. Mistoqsija mill-Qorti hemmx kuntatt bejn il-missier u t-tifel hi rrispondiet li l-missier ghandu n-numru tal-mobile tat-tifel u jista' jikkommunika mieghu x'hin irid. L-ammont pretiz fis-Sekwestru kien ibbazat fuq kalkolu u mhux fuq xi ordni tal-Qorti. Hi ghamlet sentejn tghix f'Sardenia, telqet minn Malta f'Lulju 2011 meta T kien qed jghix fir-Russia.

Fil-kontro-ezami hi cahdet li T X kien qed ihallasha manteniment ghat-tifel fl-ammont ta' €240 fix-xahar.

Hi qalet li T X mar Cagliari, Sardenia fit-2014. Mistoqsija jekk taqbilx li T mar u pproceda hemmhekk biex jsib lill-ibnu rrispondiet li hu dejjem kien jaf fejn kienu.

D X pprezentat rikors fis-17 ta' Mejju 2018, fl-atti tar-Rikors Guramentat 143/2012,[2] fejn qed titlob li T X jigi ordnat ihallasha manteniment pendente lite ghall-minuri oltre nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-**Artikolu 836 tal-Kap 12** jawtorizza lil min kontra tieghu jkun inhareg att kawtelatorju li jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju li fih jitlob li dan jigi revokat , sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet:

(a) li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh;
(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;

[1] Fol 38 et seq.
[2] Fol 20 u 21.

(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju, sew bil-ħruġ ta’ att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista’ għas-sodisfazzjon tal-qprti tassigura biżżejjed il-pretensjoni.
(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv; jew
(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed; jew
(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu…….

Ikkunsidrat;

Irrizulta mill-provi li l-pretensjoni ta’ D X fis-sekwestru kawtelatorju numru 113/2018 giet indikata fl-ammont ta’ €45,600. Irrizulta, in oltre, li Bank of Valletta plc bhala sekwestratarju ddepozita fir-Registru tal-Qorti l-ammont ta’ €46,292.15, u l-HSBC Bank Malta plc bhala sekwestratarju ddepozita zewg ammonti wiehed ghal €34,331 u l-iehor ghal €11,915.34. Dawn it-tlett depoziti jammontaw komplessivament ghal €92,538.49, cioe' l-ammont ta’ €46,938.49 in eccess tal-pretensjoni indikata fis-sekwestru.

T X seta’ potenzjalment, stante il-quantum tad-depositi bankarji tieghu, iddepozita garanzija bankarja fir-Registru ta’ din il-Qorti u talab il-hrug ta’ kontromandat, bil-probabilita' li kien jigi akkordat stante li jirrizulta prima facie li s-sekwestrat kien f'posizzjoni li jottjeni l-hrug ta' garanzija bankarja sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni tas-sekwestranti kif formulata fil-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri.

Fil-motivazzjoni tieghu ghat-talba ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju de quo s-sekwestrat jaghmel referenza ghall-fatti antecedenti l-hrug tal-mandat b'mod partikolari ghal dak minnu allegat li s-sekwestranti tul medda ta' snin agixxiet b'mod sabiex izzommu boghod mill-minuri. Mill-banda l-ohra s-sekwestranti tirribatti billi tichad dak lilha addebitat mis-sekwestrat u tallega li kien is-sekwestrat li abbanduna lilha u lill-minuri ghal numru ta' snin.

Il-Qorti taghmilha cara illi ta' min hi l-htija dwar dak li sehh bejn il-partijiet fir-rigward tal-minuri ma hu xejn rilevanti fil-proceduri odjerni. Fi proceduri bhal dawk odjerni l-Qorti ghandha titratta u tiddeciedi dwar jekk is-sekwestranti kenitx gustifikata fit-termini tal-ligi li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha, irrispettivament jekk tali pretensjonijiet eventwalment jirrizultawx fondati jew le. Lanqas hi rilevanti l-asserzjoni tas-sekwestrat illi s-sekwestranti damet is-snin sabiex ipprocediet ghall-ewwel darba kontra s-sekwestrat ghall-manteniment tal-minuri. Mhiex konsiderazzjoni rilevanti fi proceduri bhal dawk odjerni illi min jagixxi b'mandat kawtelatorju ikun dam sabiex ha l-passi gudizzjarji opportuni.

In tema legali ssir referenza ghad-decizzjoni moghtija fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd**[3] , fejn ġie stabbilit illi: "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et,** deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."

Fuq l-istess binarju hija d-decizzjoni moghtija fil-proceduri fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs. Charles Bianco et**[4] ,fejn il-Qorti stabbiliet illi: "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide **Vincent Mercieca vs. George Galea**, 29 ta' Novembru, 2011, u **Technobroadcast srl vs. Mediterrenean Broadcasting Limited,** tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

Ikkunsidrat;

Is-sekwestrat qed jitlob lill-Qorti tirrevoka s-sekwestru de quo fuq il-pretest illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 836 (1) (b), (c), (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser titratta l-erba' sub-incizi li fuqhom qed isejjes ir-rikors tieghu is-sekwestrat b'mod kronologiku.

**Artikolu 836 (1) (b)**.

[3] PA. 28.04.15
[4] PA. 20.01.16

"**li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti**"

Skont din id-disposizzjoni, ikun hemm lok ghat-thassir ta` l-Mandat meta wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-Mandat ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti.

In tema legali ssir referenza ghad-decizzjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Carmelo Abdilla vs Auto Sales Limited**[5] fejn gie dikjarat is-segwenti:-

"Illi l-Artikolu 836(1)(b) jistipula li mandat kawtelatorju ghandu jithassar jekk "wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti" . Peress li ma jirrizulta li nbidel xejn minn dakinhar tal-prezentata tal-mandat sa llum, u fil-frattemp giet ipprezentata wkoll il-kawza fuq il-mertu, ma jirrizultax li din hija raguni valida sabiex jithassar il-mandat in dizamina."

Fuq l-istess linja ta' hsieb hija d-decizzjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Av Antonio Depasquale noe vs World Match Limited** [6] inghad hekk :- "Ir-raguni skont l-Art.836 (1) (b) hi: "li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti". Ikkonsidrat li din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma` tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att. Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f`dawn l-atti, jidher li taħt din il-kawżali l-ilment tal-ezekutat mhuwa indirizzat lejn ebda wiehed minn dawn ir-ragunijiet. Fi kliem iehor, din il-Qorti tifhem li l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inhareg sewwa u, f`xi waqt, tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa` fis-sehh . Fil-kaz odjern, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nhareg il-mandat imsemmi minhabba li ma kienx hemm gja relazzjoni guridika bejn il-kontendenti. Illi, ghalhekk, il-Qorti ma ssibx li tista` tilqa` t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawzali."

Applikata l-gurisprudenza appena citata ghall-kaz odjern, huwa evidenti illi l-pretenzjoni tar-rikorrent sekwestrat hija li l-mandat li qed jimpunja ma messu qatt inhareg. Ghalhekk din il-Qorti qed issib illi s-sub inciz (1) (b) ma hux applikabbli ghal-lanjanza imressqa mir-rikorrent u ghalhekk it-talba in kwantu imsejsa fuq tali sub inciz qed tigi respinta.

**Artikolu 836 (1) (c)**

[5] PA. 17.05.2011
[6] PA. 20.05.2014

**Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju, sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni.**

F'dan ir-rigward ir-rikorrent irrileva fir-rikors in dizamina illi ".... sallum giet depozitata fil-Qorti s-somma ta' sitta u erbghin elf mitejn u tnejn u disghin Ewro u hmistax-il centezmu (€ 46,292.15) (Dokument RG 1 annessa) u ghalhekk kull pretensjoni, frivola kemm hi frivola, li ghandha D X, hi aktar milli sufficjentement kawtelata."

Mill-atti jirrizulta illi l-pretensjoni ta' D X fis-sekwestru kawtelatorju numru 113/2018 giet indikata fl-ammont ta' €45,600 . Irrizulta, in oltre, li Bank of Valletta plc bhala sekwestratarju ddepozita fir-Registru ta' din il-Qorti l-ammont ta' €46,292.15, u l-HSBC Bank Malta plc bhala sekwestratarju ddepozita zewg ammonti wiehed ghal €34,331 u l-iehor ghal €11,915.34. Dawn it-tlett depoziti jammontaw ghal €92,538.49, cioe' l-ammont ta' €46,938.49 in eccess tal-pretensjoni indikata fis-sekwestru.

Ghalhekk jirrizulta sodisfacentement illi fl-eventwalita li t-talbiet tar-rikorrent imsejsa fuq is-sub incizi l-ohra ma tirrizultax fondata, it-talba imsejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (c) hija fondata u timmerita li tigi akkolta.

**Artikolu 836 (1) (d)**.

**Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv.**

Ir-rikorrent jilmenta fir-rikors minnu propost illi kienet D X li abbandunat id-dar matrimonjali u telqet bil-minuri barra minn Malta ghal bosta snin. U kien biss issa li regghat lura u qed titolbu l-manteniment ghall-minuri mis-sena 2011 'il quddiem.

Kif gia' rilevat supra, il-Qorti mhiex ser tidhol fil-mertu tal-kawza pendenti bejn il-partijiet. Sabiex talba imsejsa fuq dan is-sub inciz tirnexxi ir-rikorrent jehtieglu juri sal-grad tal-prima facie illi l-ammont reklamat mhux gustifikat jew huwa eccessiv. Fir-rikors tieghu ir-rikorrent fl-ebda hin ma jallega li l-ebda manteniment ma hu dovut izda jilmenta illi l-omm damet is-snin qabel ma hadet passi legali kontra l-missier ghall-manteniment tal-minuri. Ghal din il-Qorti l-ilment tal-missier f'dan ir-rigward, filwaqt li tista' tkun rilevanti fit-trattazzjoni tal-kawza fil-mertu, ma tissodisfax is-sub inciz (1) (d). Krisitina X spjegat fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi l-ammont kawtelat ta' €45,600 huma arretrati ta' manteniment tal-minuri mis-sena 2011 dwar liema D X kienet intavolat ittra ta' medjazzjoni fil-25 ta' Ottubru 2011 u eventwalment wara

l-awtorizzazzjoni tal-Qorti intavolat kawza kontra s-sekwestrat fit-18 ta' Gunju 2012.

Huwa ammess minn T X illi mis-sena 2011 sallum ftit li xejn hallas manteniment ghall-minuri. Mhiex il-kompitu tal-Qorti li f'dawn il-proceduri tindaga dwar ghaliex dan sehh u jekk kienx gustifikat. Huwa fatt li tul dawn is-snin manteniment ma thallasx. Il-Qorti tikkonstata illi l-ammont pretiz ta' manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €300 fix-xahar ma jidhirx li hu eccessiv u lanqas jirrizulta li prima facie ma hux gustifikat. Naturalment dan qed jinghad minghajr ebda pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet fir-rigward li qed jigu trattati fil-kawza pendenti bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant in kwantu t-talba tar-rikorrent hija msejsa fuq is-sub inciz (1) (d), it-talba ma hiex gustifikata.

**Artikolu 836 (1) (f)**.

**Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.**

B’referenza specifika ghat-talba ghar-revoka msejsa fuq is-subinciz (f) tal-Artikolu 836(1), issir referenza ghas-sentenza fil-kaz **Lombard Bank plc v. Dr. Melvyn Mifsud et**[7]:-

“*Kwantu ghall-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12.(f) gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "**Spiteri v Darmanin**" - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2007) "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa’ (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem “jinżamm” u “aktar meħtieġ” li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m’għadux il-każ.”*

Fil-provvediment tal-4 ta’ Frar 2016, moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet **Steven Pace et v. Paul Camilleri et** inghad:-

*“Illi biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.”*

Gie wkoll ritenut illi:-

[7] PA. 30.04.2015.

*"Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz[8].*

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-iskorta tal-insenjament fuq citat, jinghad li biex tintlaqa' talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju fuq id-dispost tal-Artikolu 836(1)(f), ghandu jirrizulta lill-Qorti li mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli *ab initio,* issa m'ghadux. Gia rajna supra illi ma hemm xejn x'wiehed jiccensura fil-konfront tas-sekwestranti fit-talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie akkolta. Mill-jum li tali mandat inhareg, ma hemmx bdil fic-cirkostanzi li jista' b'xi mod iwassal sabiex il-mandat de quo jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836 (1) (f) hlief li kif rajna gie depozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti minn banek lokali ammont li jissupera l-ammont reklamat fil-mandat ta' sekwestru de quo.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi t-talba tar-rikorrent in kwantu msejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (f) ma hiex gustifikata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiddisponi mir-risposta tas-sekwestranti konformement ma' dak hawn deciz,

1. Tichad ir-rikors in kwantu msejjes fuq is-sub incizi (1) (b) (e) u (f) tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li qed tikkonsidraha gustifikata in kwantu msejsa fuq is-sub inciz (1) (c) tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li l-ammont depozitat mill-Bank of Valletta plc b'konsegwenza u in segwitu ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 113/2018 ghandu jibqa' hekk depozitat bhala kawtela tal-pretensjoni ta' D X kif imresqa fil-

[8] PA. 10.08.2012 [Rikors Nru 688/2012]. Ara wkoll PA. 22.10.2015 **George Cassar pro et noe vs Emanuel Falzon et.**

mandat de quo filwaqt li l-ammonti depozitati minn bank jew banek ohrajn jistghu jigu irtirati u zbankati minn T X.

3. Tordna li a karigu tas-sekwestranti kopja ta' din id-decizzjoni ghandha tigi prezentata fl-atti tac-cedoli ta' depozitu kollha konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru de quo.

4. Tordna illi l-ammont depozitat mill-Bank of Valletta plc ma ghandux jigi zbankat jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

5. Tordna r-rilaxx a favur T X tad-depoziti maghmula mis-sekwestratarji eccetto l-Bank of Valletta plc.

6. Tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 120/18 fl-ismijiet "D X vs T X" in kwantu l-ammont depozitat mill-Bank of Valletta plc jikkawtela adegwatament l-ammont reklamat minn D X fil-mandat in dizamina.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**